**<u>Tribunal Industrijali</u>**

**Decizjoni Numru: 2623**

**<u>Kaz Numru: 3323/14/AM</u>**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Nathalie Chetcuti**
**(Karta tal-Identita' Numru 22764M)**

**u**

1. **Direttur Generali (Planning and Priorities Co-Ordination Division) fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;**

2. **Direttur Generali (Funds and Programmes Division) fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;**

3. **Is-Segretarju Permanenti, fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;**

4. **Direttur *Corporate Services* fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, tal-Gvern ta' Malta;**

5. **L-Avukat Generali;**

6. **Il-Gvern ta' Malta**

*dwar allegazzjoni ta' ksur ta' regolamenti ghall-kuntratt ta' zmien fiss*

**<u>Illum nhar il-Gimgha 11 t'Ottubru, 2019</u>**

**<u>Chairperson: Dr. Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)</u>**

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti li permezz taghha rrilevat is-segwenti:

Ir-rikorrenti fis-17 ta' Settembru, 2004, iffirmat kuntratt ta' mpjieg ghal zmien fiss mall-Gvern ta' Malta biex tahdem bhala Technical Attache' fi hdan ir-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropea gewwa Brussel.

Li hija nghatat diversi kuntratti ta' mpjieg ghal zmien fiss mall-Gvern ta' Malta minn Settembru 2004 sa Awissu 2014 u li stante li hija ilha kontinwament impjegata fuq kuntratti ta' mpjieg ghal zmien fiss mall-intimati ghal aktar minn erba' (4) snin l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti gie mibdul f'wiehed ghal terminu indefinit skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien fiss Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 li hija applikabli ghall-impjieg mall-Gvern peremzz tal-Ligi sussidjarja 452.99 Regolamenti li jestendu l-applikabilita ta' Disposizzjonijiet dwar Kuntratti ta' Servizz ghal terminu ta' Zmien Fiss ghal Servizz mall-Gvern.

Li fit-tletin (30) t'Awissu, 2014, il-Gvern ta' Malta ddecieda li ma jestendiex aktar l-kuntratti hawn fuq imsemmija.

U talbet sabiex skont ir-regolament 8 tal-Legislazzjoni sussidjarja 452.81 dwar il-Kuntratti ta' Servizz ghal terminu ta' Zmien Fiss titlob li dan it-Tribunal jiddeciedi li: (a) n-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt tal-impjieg taghha jikseb id-drittijiet taghha skont il-legislazzjoni sussidjarja 451.81 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien fiss; (b) jordna li r-rikorrenti terga' titpogga fl-impjieg mall-intimati fuq kuntratt ghal zmien iindefinit mar-Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropeja gewwa Brussel bl-istess kundizzjonijiet ta' xoghol li kellha fl-ahhar kuntratt ta' mpjieg taghha mall-intimati; (c) jiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu l-paga lir-rikorrenti minn Awissu 2014 sa meta titpogga lura fl-impjieg taghha ; (d) jiffissa kumpens adegwat ghal ksur ta' din l-ligi da parti tal-intimati.

**Risposta tal-intimati**

Fir-risposta taghhom (24.02.2015) eccepew li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Li d-Direttur Generali (Planning and Priorities Co-ordination Division), id-Direttur Generali (Funds and Programmes Division), id-Direttur Corporate Services, l-

Avukat Generali u l-Gvern ta' Malta mhumiex il-legittimi kontraditturi ghall-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti Nathalie Chetcuti;

Li minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti Nathalie Chetcuti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Li minn dejjem kienet il-policy tal-Gvern li l-posizzjoni ta' Technical Attache' ma tistax tinghata ghal terminu ndefint u dan minhabba n-natura tax-xoghol ta' dan it-tip. Konsegwentement il-kuntratt ta' mpieg tar-rikorrenti bhala Technical Attache' nghata dejjem ghal zmien definit;

Illi l-esponenti jichdu ukoll kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti Nathalie Chetcuti fis-sens li l-kuntratt tal-impieg taghha bhala Technical Attache' gie mibdul 'f'wiehed ghal terminu indefinit skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss, Legislazzjoni sussidjarja 452.81 li hija applikabbli ghall-impieg mall-Gvern permezz tal-Ligi sussidjarja 452.99' in kwantu l-imsemmija ligi tipprovdi li principal jista' jzomm impjegat fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss li jeccedi erba' snin meta jkun hemm ragunijiet oggettivi bhal ma huma posizzjonijiet oghla ta' fiducja bhal ma hi l-posizzjoni ta' Technical Attache';

Illi effettivament fil-kaz tal-posizzjoni ta' Technical Attache' fi Brussell hemm ragunijiet oggettivi skont il-ligi sabiex l-impjegati f'din il-posizzjoni jinzammu mpjegati fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss anke wara t-trapass ta' erba' snin f'din il-kariga b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti Nathalie Chetcuti fis-sens li l-kuntratt tal-impieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu indefint hija nsostenibbli;

Illi multo magis kif jirizulta mill-kuntratti tal-impieg ipprezentati minn Nathalie Chetcuti l-posizzjoni ta' Technical Attache' hija posizzjoni ta' livell oghla ta' fiducja u dan kif irrikonoxxut espressament mir-rikorrenti stess f'Dok NC3;

Illi dejjem minghajr pregudizzju u bir-rispett dovut, kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-kuntratt ta' mpieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu iindefinit tikkozza mall-fatt li fid-29 ta' Novembru, 2011, anness mad-dikjarazzjoni tal-kaz taghha bhala Dok NC3 ghazlet li tidhol f'kuntratt ta' mpieg ghal terminu ta' zmien definit fejn gie espressament rikonoxxut li minhabba n-natura tax-xoghol ta' Technical Attache' jissussistu ragunijiet oggettivi a tenur tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss sabiex tinzamm fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss ghal aktar minn erba' snin;

Illi minghajr pregudizzju, kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti fis-sens li l-kuntratt ta' mpieg taghha gie mibdul f'wiehed ghal terminu indefinit tikkozza ukoll mall-fatt li hija applikat ghall-posizzjoni ta' Technical Attache' Environment Horizontal Issues ghal terminu ta' zmien fiss mahrug permezz ta' sejha ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 t'Ottubru, 2013, kif ukoll ghall-posizzjoni ta' Technical Attache' Document Management ghal terminu ta' zmien fiss mahruga peremzz ta' sejha ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Jannar, 2014;

Illi dejjem minghajr pregudizzju u biss ghall-grazzja tal-argument dato ma non concesso li dan l-Onorabbli Tribunal jilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, kull talba ghall-hlas ta' paga minn Awissu 2014 u/jew kumpens hija f'kull kaz infondata u m'ghandhiex tigi milqugha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-intimati sussegwentement eccepew ulterjorjament li l-azzjoni hija perenta peress li giet prezentata wara z-zmien koncess lilha a tenur tas-subinciz tnejn (2) tar-Regolament tmienja (8) tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Serviz ghal Terminu ta' Zmien fiss (legislazzjoni Sussidjarja 452.81) liema eccezzjoni giet michuda permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) per Imhallef Ellul tad-19 ta' Mejju, 2017.

Ra x-xhieda u dokumenti kollha prodotti.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet u sema' lill-partijiet jitrattaw oralment quddiem dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Fatti tal-Kaz:

B'kuntratt tas-17 ta' Settembru, 2004, l-attrici nghatat impieg bhala Technical Attache' mall-Gvern ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin mlil-24 ta' Settembru, 2004;

B'kuntratt tal-24 ta' Settembru, 2007, l-impieg gie mgedded ghal tlet snin ohra u fih inghat "…and cannot be extended beyond the period of this agreement";

Li fil-15 ta' Gunju, 2007, ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (legslazzjoni Sussidjarja 452.81) saru japplikaw ukoll ghas-servizz mall-Gvern pero' dan jeskludi regolament 7(3) tal-istess regolamenti;

Li b'email datata l-1 ta' Dicembru, 2009, li ntbaghtet lir-rikorrenti ittra ta' Dr Christopher Ciantar Segretarju Permanenti fil-Ministeru gha-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn fost affarijiet intqal: "The first of these decisions is that the overall period

of service thay may be served by any officer in a technical attache'/research officer position/s cannot exceed a total of five years nine months. This means therefore that if warranted by an officer's performance, an original three-year Agreement may be extended for a further period up to a maximum of thirty-three months."

Illi r-rikorrenti permezz ta' email mibghuta mis-Segretarju Permanenti Dr Christopher Ciantar tal-1 ta' Dicembru, 2009, ir-rikorrenti kienet infurmata li l-impjieg taghha ma kienx qed jigi kunsidrat bhala wiehed ta' zmien indefinit u dan kif jirrizulta mill-email datata l-1 ta' Dicembru, 2009, li ntbaghatitilha ittra tas-Segretarju Permanenti Dr Christopher Ciantar fejn infurmaha li fil-kariga ta' Technical Attache' wiehed ma jistax iservi ghal aktar minn hames snin u disa xhur u li ghalhekk "(…) if warranted by an officer's performance, an original three-year Agreement may be extended for a further period up to a  maximum of thirty-three months".

Wara li skada t-tieni kuntratt dak tal-24 ta' Settembru, 2007, fit-23 ta' Settembru, 2010, hija nzammet fl-impieg  minghajr ma ntalbet tiffirma kuntratt gdid sakemm fid-2 ta' Dicembru, 2011, hija ffirmat kuntratt ghal zmien definit ta' tlett snin b'effett retroativ  mill-25 ta' Settembru, 2010, liema kuntratt jghid li l-kariga taghha kienet 'position of trust' u li hija qablet li:"since it has been established that the position of Technical Attache' is a position of trust this Agreement falls under Regulation 3(b)4(b)(ii) of LN 239/2008 amending LN 51/2007 entitled 'Contracts of Servce for a Fixed Term Regulations 2007.'

Fl-istess kuntratt hija ntrabet li meta jispicca l-kuntratt para 7.1. jghid: "Upon termination of the Agreement, the Technical Attache' shall, unless she has previously reached retirement age, revert to her substantive grade/indefinite status and the relative pay and employment conditions as stipulated in Section 6.1. above."

Li sussegwentement l-kuntratt tat-2 ta' dicembru, 2011, gie mgedded sal-31 ta' Jannar, 2014, u wara sat-30 t'April, 2014, u wara sat-30 t'Awissu, 2014.

Wara t-30 t'Awissu, 2014, l-kuntratt ma regax gie mgedded.

B'Avviz pubblikat fit-18 t'Ottubru, 2013, fil-Gazzetta tal-Gvern saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga ta' Technical Attache' fil-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, r-rikorrenti applikat izda ma ntghazlitx.

L-attrici applikat ukoll ghall-kariga ta' Technical Attache' fl-istess Ministeru wara avviz pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Jannar, 2014, izda ma ntghazlitx.

Li r-rikorrenti ghadha f'impjieg fiss mall-Awtorita' tal-Ippjanar stante li ebda prova li hija ma ghadhiex impjegata tal-istess awtorita' ma saret.

**Legittimu kontradittur**

Dwar din l-eccezzjoni dan it-Tribunal ghar-ragunijiet sottometti mill-intimati fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, qed jilqa' din l-eccezzjoni u jiddeciedi li l-intimati l-ohra kollha ghajr is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**Mertu**

Illi l-legislazzjoni Sussidjarja 452.81 saret tapplika ghall-kuntratti ghas-servizz tal-Gven fil-15 ta' Gunju, 2007, eskluz regolament 7(3) tal-istess regolamenti.

Li mill-provi jirrizulta li l-ewwel kuntratt taghha tas-17 ta' Settembru, 2004, skada fis-16 ta' Settembru, 2007;

Li t-tieni kuntratt taghha tal-24 ta' Settembru, 2007, skada fit-23 ta' Settembru, 2010, izda l-kuntratt taghha baqa' jigi estiz minghajr ma r-rikorrenti qatt ilmentat li l-kuntratt taghha ai terminu tar-regolament 8(2) inqaleb ghal wiehed fuq bazi indefinit u li skond il-Qorti tal-Appell fis-sentenza hawn fuq citata "pero' ma jidhirx li hemm xi procedura li trid tigi segwita biex l-impieg jinqaleb f'wiehed ta' zmien indefinit, u anzi jidher li jsir hekk ex lege".

Illi jirrizulta wkoll li fit-22 ta' Dicembru, 2008, ir-rikorrenti giet mgharrfa li l-kuntratt taghha definit inbidel f'wiehed indefinit ghal Officer in Scale 7 ghall-perjodu indefinit b'sehh mis-7 ta' Dicembru, 2007, (fol 16) u "ghalhekk din l-ittra ghandha l-iskop li tiehu post il-kuntratt originali li kien wiehed ghal terminu ta' zmien fiss." U bl-istess infurmaha Dr P Von Brockdorff Segretarju Permanenti permezz ta' email tat-12 ta' Dicembru, 2007, (DokPL).

Li ghalhekk ir-rikorrenti kellha kuntratt ta' zmien definit tal-24 ta' Settembru, 2007, ghal tlett snin bhala Technical Attache' li kien ghal tlett snin u li 'cannot be extended beyond the period of this agreement'. Dok NC2 pag 1 u li ghalhekk kien skada fit-23 ta' Settembru, 2010.

Li fl-istess waqt kienet fuq kuntratt indefinit ghal officer scale 7 b'effett mis-7 ta' Dicembru, 2007, mall-Gvern.

Illi r-rikorrenti permezz ta' email mibghuta mis-Segretarju Permanenti Dr Christopher Ciantar tal-1 ta' Dicembru, 2009, ir-rikorrenti kienet infurmata li l-impjieg taghha ma kienx qed jigi kunsidrat bhala wiehed ta' zmien indefinit u dan kif jirrizulta mill-email datata l-1 ta' Dicembru, 2009, li intbaghatitilha ittra tas-

Segretarju Permanenti Dr Christopher Ciantar fejn infurmaha li fil-kariga ta' Technical Attache' wiehed ma jistax iservi ghal aktar minn hames snin u disa' xhur u li ghalhekk "(…) if warranted by an officer's performance, an original three-year Agreement may be extended for a further period up to a maximum of thirty-three months".

Dan juri li fl-1 ta' Dicembru, 2009, ir-rikorrenti kienet mgharrfa li l-impjieg taghha ma kienx qieghed jigi kkunsidrat bhala wiehed ta' zmien indefinit u hija ma ghamlet xejn biex tikkontesta dan stante li wara li skada t-tieni kuntratt dak tal-24 ta' Settembru, 2007, fit-23 ta' Settembru, 2010, hija nzammet fl-impieg minghajr ma ntalbet tiffirma kuntratt sakemm fit-2 ta' Dicembru, 2011, hija ffirmat kuntratt ghal zmien definit ta' tlett snin b'lura b'effett mil-25 ta' Settembru, 2010, li ma kienx kuntratt ta' mpjieg ghal zmien indefinit anzi jinghad ukoll li l-kariga taghha kienet 'position of trust' u li hija qablet li:"since it has been established that the position of Technical Attache' is a position of trust this Agreement falls under Regulation 3(b)4(b)(ii) of LN 239/2008 amending LN 51/2007 entitled 'Contracts of Servce for a Fixed Term Regulations 2007.'

Fl-istess kuntratt hija intrabet li meta jispicca l-kuntratt para 7.1. jghid: "Upon termination of the Agreement, the Technical Attache' shall, unless she has previously reached retirement age, revert to her substantive grade/indefinite status and the relative pay and employment conditions as stipulated in Section 6.1. above."

Li ghalhekk ir-rikorrenti qablet ukoll li kif jispicca l-kuntratt hija tmur lura fl-impjieg taghha mall-Gvern.

Li l-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, gie estiz sal-31 ta' Jannar, 2014, (NC4 tirreferi ghall-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011) li rega' gie estiz sat-30 t'April, 2014, u fiz-zewg estensjonijiet baqghu jghoddu l-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011.

Li fit-30 t'Awissu, 2014, il-Gvern iddecieda li ma jestendiex aktar dawn il-kuntratti ghalkemm prova tal-estenzjoni wara t-30 t'April, 2014, ma saritx.

Li ghalhekk ghandna sitwazzjoni li r-rikorrenti waqt li kienet f'impjieg indefinit mall-Gvern inghatat kuntratt ta' mpjieg fiss bhala position of trust u li f'dan il-kuntratt hija qablet li toqghod ghad-disposizzjonijiet Regulation 3(b)4(b)(ii) of LN 239/2008 amending LN 51/2007 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations 2007.'

Fl-istess kuntratt hija ntrabet li meta jispicca l-kuntratt para 7.1. jghid: "Upon termination of the Agreement, the Technical Attache' shall, unless she has previously reached retirement age, revert to her substantive grade/indefinite status and the relative pay and employment conditions as stipulated in Section 6.1. above."

Ikkunsidra li r-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq ir-regolamenti 7 tal-ligi sussidjarja 452.81 li dahlu fis-sehh fil-15 ta' Gunju, 2007.

Regolament 4: Minghajr pregudizzju ghar-regolament 3(2) kuntratt a' servizz ghal zmien fiss ghandu jinbidel f'kuntratt ta' servzz ghal zmien indefint jekk:

(a) l-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bhal dak ghal zmien fiss kif imsemmi jew taht dak il-kuntratt mehud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz precedent ghal zmien fiss li jeccedi perjodu ta' mpjieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin u;

(b) il-principal ma jistax jaghti ragunijiet oggettivi kif imsemmi fis-subregolament (4) biex jiggustifika l-limitazzjoni tat-tigdid ta' dak il-kuntratt ghal zmien fiss.

Li r-rikorrenti tikkontendi li l-erba' snin ghalqu fil-kors tat-tieni kuntratt taghha cioe' fl-24 ta' Settembru, 2008. Izda dan it-Tribunal ma jistax jaqbel ma' dan tenut kont li r-regolamenti dahlu fis-sehh fil-15 ta' Gunju, 2007, kif tissottometti r-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Tali regolamenti ma dahlux b'mod retroattiv u ghalhekk dan it-Tribunal huwa marbut li joqghod ghal dak li gara mil-15 ta' Gunju, 2007, il-quddiem u li ghalhekk l-erba' snin jghoddu minn dakinhar.

Mill-atti jirrizulta li fl-ewwel kuntratt li skada fit-23 ta' Settembru, 2007, jirrizulta ghalhekk li hija hadmet skond ir-regolament tlett xhur; fil-kuntratt tal-24 ta' Settembru, 2007, hija kellha kuntratt imgedded ghal tlett snin ohra cioe' sat-23 ta' Settembru, 2010, liema kuntratt hija accettat li ma jistax jigi estiz. Li ghalhekk l-erba' snin ma jirrizultawx.

Pero' hija nzammet fl-impjieg ghal aktar minn sena minghajr kuntratt u ghalhekk dawn l-erba' snin ghaddew u hija giet tikkwalifika skond ir-regolament 7 hawn fuq citat u ex lege l-kuntratt taghha sar indefinit salv dejjem ghad-disposizzjonijiet tal-istess regolament.

Izda r-rikorrenti ghazlet li tidhol f'kuntratt gdid fit-2 ta' Dicembru, 2011, f'kariga gdida ta' Technical Attache' (Environmental Horizontal) , b'kundizzjoijiet godda, stante li hija qablet li din hija position of trust u qablet li jkun ghal tlett snin mil-25 ta' Settembru, 2010, ghal tlett snin u cioe' li jiskadi fl-24 ta' Settembru, 2013, u qablet ukoll li toqghod ghal dak li jipprovdu Regulation 3(b)4(b)(ii) of LN 239/2008

amending LN 51/2007 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations 2007.'

Fl-istess kuntratt hija ntrabet li meta jispicca l-kuntratt para 7.1. jghid: "Upon termination of the Agreement, the Technical Attache' shall, unless she has previously reached retirement age, revert to her substantive grade/indefinite status and the relative pay and employment conditions as stipulated in Section 6.1. above."

Regolament 3(b) tal-Avviz Legali 51/2007 kif emendat bl-avviz legali 239/2008, jghid:

*Dawn ir-regolamenti ma ghandhomx japplikaw (b) ghal inkarigu jew inkarigi b'responsabbilitajiet jew objettivi ta' xoghol partikolari, fil-kuntest ta' kuntratt ta' impieg indefint li jkunu ghal perjodu li maghdud wahdu jew f'daqqa ma jeccedix l-erba' snin:*

*Izda fil-kaz ta' inkarigu wiehed u bejn inkarigi successivi li jkunu sostanzjalment tal-istess natura, waqfiet ta' mhux aktar minn tliet xhur fi jew bejn inkarigi successivi ghandhom ikunu inkluzi fil-kalkolu tal-perjodu ta' erba' snin"*

*Ir-regolament 4(b) (ii) tal-istess avviz legali cioe' tal-avviz legali 51/2007, ma jirrizultax li gie emendat u fil-fehma ta' dan it-Tribunal gie kwotat hazin fil-kuntratt tar-rikorrenti tat-2 ta' Dicembru, 2011, u jirrizulta lil dan it-Tribunal li kellu jkun r-regolament 7 fosthom 7 (4)(b) ii) li jghid:*

*"posizzjoni fejn iz-zamma ta' livell oghla ta' fiducja jkun mehtieg minhabba x-xorta tal-posizzjoni jew meta livell oghla ta' fiducja personali jkun b'mod oggettiv element essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg.*

Tali regolament 7(4) gie sostitwit bl-avviz legali 239/2008 u li jaghti dritt lill-Principal izomm impjegat fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss ghal aktar minn erba' snin ghal ragunijiet hemm imsemmija fosthom position of trust kif kellha r-rikorrenti.

Li tali ngagg kien ghall-perjodu ta' tlett snin li bdew mil-25 ta' Settembru, 2010, u skadew fl-24 ta' Settembru, 2007.

Li sussegwentement l-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, li kien ghall-perjodu ta' tlett snin li bdew jirrikorru mil-25 ta' Settembru, 2010, u ghalhekk skadew fl-24 ta' Settembru, 2013. Fl-4 ta' Novembru, 2013, tali kuntratt gie mgedded sal-31 ta' Jannar, 2014, fil-31 ta' Jannar, 2014, gie mgedded sat-30 t'April, 2014, u fil-5 ta' Gunju, 2014, tali kuntratt gie mgedded sat-30 t'Awissu, 2014.

Wara t-30 t'Awissu, 2014, l-kuntratt ma regax gie mgedded.

Sadanittant hija kellha mpjieg definit ta' Officer Scale 7 b'sehh mit-7 ta' Dicembru, 2007, u mill-atti ma jirrizultax li hija rrizenjat minn dan l-impjieg mall-Gvern, tant li

meta l-kuntratt ma giex imgedded fit-30 t'Awissu, 2014, ir-rikorrenti dahlet lura ghax-xoghol mall-Mepa fejn kienet fuq unpaid leave.

Illi r-rikorrenti kienet giet mgharrfa permezz ta' ittra mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali li l-kuntratti ta' Techincal Attache'/Research Officer ma kinux ser jigu mgedda ghall-perjodu li jiskadi 33 xahar u li hija l-politika tal-Gvern li wara li l-kuntratt jigi estiz ghat-tieni darba hija bhal dawk fl-istess ilma maghha kellha tirritorna Malta u jservu lill-Gvern f'Malta ghal perjodu ta' mhux anqas minn tmien xhur.

Li ghalhekk ir-rikorrenti kienet taf b'dawn il-kundizzjonijiet, thalliet Brussel u ghazlet li tidhol fi ftehim gdid u mhux li tesigi li l-impjieg taghha jitqies li gie wiehed definit.  Dan il-ftehim gdid tat-2 ta' Dicembru, 2011, skada fl-24 ta' Settembru, 2014, stante li beda b'mod retorattiv fil-25 ta' Settembru, 2007, u gie estiz sat-30 t'Awissu, 2007.

Illi fil-fehma tat-Tribunal meta r-rikorrenti ghazlet li tidhol f'kuntratt gdid fit-2 ta' Dicembru, 2011,  bil-kundizzjonijiet godda li ma kellhiex fil-kuntratti precedenti taghha, hija ghazlet li tinhall minn dawn il-kuntratti, ma tesigiex li l-ingagg taghha gie fuq wiehed definit, ghazlet li tidhol f'dan il-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, b'kundizzjonijiet godda fosthom  li din hija kariga ta' position of trust u ghazlet ukoll ir-regolamenti li jghoddu taht dan l-arrangament u ghazlet ukoll li tmur lura ghax-xoghol regolari taghha meta jispicca dan il-kuntratt.

Li ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mar-rikorrenti meta jghid li l-kuntratti tal-impjiegi taghha bdew fis-sena 2004 u baqghu jigu estizi sat-30 t'Awissu stante li dan mhux il-kaz.  Il-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, huwa kuntratt gdid b'xoghol gdid u b'kundizzjonijiet godda li r-rikorrenti kienet giet mgharrfa minn qabel dwarhom u li jidher car li kieku ma ghamletx dan il-kuntratt gdid kien ikollha terga' tirritorna lura Malta stante li kienet tkun ilha ghal 5 snin u 9 xhur fi Brussel kif kien informa lilha u lil min kien bhala s-Segretarju Permanenti Christopher Ciantar.

Li ghalhekk issa ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li terga' tirriattiva s-snin li ghamlet qabel u tghid li kien hemm kontinwazzjoni ta' servizz meta kienet hija stess li ghazlet li tidhol f'kuntratt gdid u ma tinvokax l-ghazla li kellha li tesigi li kienet waqghet fuq impjieg definit.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal jaqbel ma' dak sottomess mill-intimati li meta r-rikorrenti ghazlet li tidhol f'dan il-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, hija dahlet f'relazzjoni gdida mas-Segretarju Permanenti, u li tali kuntratt huwa wiehed ta' position of trust u ghalhekk ma jista qatt isir wiehed ghal zmien indefinit tant li ffirmat dan u anke qablet kif qablet mad-disposizzjonijiet li huma applikabbli ghall-kuntratt taghha cioe' regolament 3(b)u regolament 7 (u mhux 4) (b)(ii)  ta;-LS 452.81,

u kif qablet ukoll li kif jiskadi dan il-kuntratt hija tmur lura ghax-xoghol li kellha mall-Gvern illum regolamenti 4(b) u 7 tal-L.S. 452.81.

It-Tribunal jirrileva wkoll li ghal dak li jirrigwarda dak li qed tikkontendi r-rikorrenti cioe' li galadarba l-kuntratt gie mgedded ghal aktar minn erba' snin u galadarba ma nghatax dokument li jelenka r-ragunijiet elenkati fir-regolament 7 (6) u lanqas ma nghata ragunijiet oggettivi bazati fuq cirkostanzi precizi u konkreti kif jirrikjedi r-regolament 7(4) tal-istess L.S. 452.81, dan it-Tribunal jirrileva dan li gej:

Ir-regolament 7(5) tal-istess LS 452.81 jghid kif ghandhom jigu kalkolati l-erba' snin cioe' li jekk tali kuntratt jigi mgedded fi zmien sitt xhur minn l-iskadenza tali perjodu ghandu jigi nkluz fil-perjodu ta' kwalifika ta' erba' snin. Il-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, skada fl-24 ta' Settembru, 2014, u gie estiz ghal erba' xhur circa sal-31 ta' Jannar, 2014. Fl-4 ta' Novembru, 2013, cioe' fit-terminu ta' sitt xhur minn meta jiskadi, li trid il-ligi, u li ghalhekk l-kuntratt gie estiz ghal 3 snin erba' xhur u sebat ijiem.

Dwar it-tieni estenzjoni li saret fil-31 ta' Jannar, 2014, u li estendiet tali kuntratt sat-30 t'April, 2014, (tali estensjoni taghmel referenza ghall-kuntratt tal-29 ta' Novembru, 2011, li ma jezistiex), l-istess regolament jghid: *Izda kuntratt ta' servizz ghal zmien fiss iehor maqbul wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur m'ghandux jigi kkunsidrat bhala mpjieg kontinwu.*

Is-sitt xhur ghalhekk skadew fl-24 ta' Marzu, 2014, u ghalhekk tali estensjoni tapplika wkoll stante li saret fit-terminu ta' sitt xhur mill-iskadenza.

It-tielet skadenza saret fil-5 ta' Gunju, 2014, u din saret wara t-terminu ta' sitt xhur mill-iskadenza tal-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 2011, u ghalhekk skond l-proviso ta' regolament 5 u ghalhekk tali estenzjoni ma tistax titqies bhala mpjieg kontinwu .

Illi ghalhekk ir-rikorrenti titqies skond dawn ir-regolamenti li kellha mpjieg kontinwu mil-25 ta' Settembru, 2010, sat-30 t'April, 2014, cioe' anqas minn erba' snin u ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrenti kellha mpjieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
Dott. Anna Mallia
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**